Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1475/00

International Timber Products Ltd

Vs

Mario Cini

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf lira (Lm1000), liema somma tirrapprezenta prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Awissu u tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Awissu 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Frar 2000, qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ridotta ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900) ghar-ragunijiet premessi fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Awissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg